MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 36/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Daniel Borg**
**Karl Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Daniel Borg u Karl Pace talli f'dawn il-Gzejjer qabel it-12 ta' Lulju 2005 laqghu ghandhom u/jew xort'ohra xtraw hwejjeg misruqa, cioe` mobile phone tal-marka Nokia 3310, li l-valur tieghu ma jeccedix il-mitt lira Maltin, u/jew xjentement, b' kull mod li jkun indahlu biex ibieghuh jew imexxuh;

U lil Karl Pace wahdu talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, hin u cirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-

Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata 30 ta’ April 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Jannar 2007 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmijin Daniel Borg u Karl Pace hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u minnhom illiberathom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fis-7 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellati hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali huwa fis-sens li jqis li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament irragjonevoli tal-provi migjuba quddiemha. Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li

waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Mix-xiehda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jirrizulta in succint is-segwenti:

**L-Ispettur Joseph Mercieca** xehed illi fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Marzu 2005 sar rapport fl-ghassa ta' San Giljan minn Michaela Agius u Gail Grech li kienu qeghdin fil-gnien faccata tal-Wembley Garage, San Giljan, meta tfacca guvni li serqilhom il-basktijiet li kellhom ma' genbhom fejn kienu bilqieghda. Fil-baskett ta' Michaela Agius kien hemm Nokia 3310. Minn indagni li sar mal-Go Mobile rrizulta li fl-20 ta' Marzu l-mobile ntuza minn certu Joseph Borg, missier l-appellant Daniel Borg. L-Ispettur Mercieca qal li kien baghat ghal Joseph Borg fit-18 ta' Settembru 2005, u dan qallu li l-mobile kien ghaddihulu ibnu Daniel Borg. L-Ispettur baghat ghal Daniel Borg li l-ewwel qal li kien xtara l-mobile minghand persuna maghrufa bhala "Il-Fuxu" izda mbaghad ammetta li kien xtrah minghand Karl Pace. L-Ispettur qal li baghat ghal Karl Pace li l-ewwel qal li kien xtara l-mobile minghand certa Elaine Rapinett imbaghad li kien xtrah fid-19 ta' Marzu mill-Pjazza ta' Bugibba ghax kien iltaqa' ma' xi Olandizi. Skond dan ix-xhud, Karl Pace baqa' jinnega li kien jaf li l-mobile kien misruq meta xtrah, u li xtrah minghajr *charger*. Ix-xhud ikkonferma l-istqarrijiet li ghamlu l-appellati u r-ritratti tal-mobile.

**Dott. Robert Tufigno** xehed in rapprezentanza ta' Mobile Communications Ltd. Huwa rrefera ghad-dokument minnu

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

esebit quddiem l-ewwel Qorti li juri l-*calls* li saru mill-*equipment number 3525 …8610*. Is-*sim number* uzat kien in-numru 79269588 li mid-*directory services* jindika li kien jintuza minn certu Joe Borg.

**Michaela Agius** xehdet illi kienet fil-park hdejn il-Wembley u mar wiehed bil-barnuza u ha l-baskett taghha u tal-habiba taghha Gail. Ix-xhud qalet li hija kellha mobile Nokia 3310 fil-baskett. Marru jaghmlu rapport l-ghassa ta' San Giljan. Il-mobile gie rtirat minnha mill-Qorti. Ma tafx kemm kien jiswa.

**P.S. 180 Fabian Aquilina** kkonferma li kien prezenti ghall-istqarrijiet li saru mill-appellati.

Minn din ix-xiehda mela jirrizulta li fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Marzu 2005 insteraq mobile Nokia 3310 ghad-dannu ta' Michaela Agius u li dan il-mobile sussegwentement instab qieghed jintuza minn Joseph Borg, missier l-appellat Daniel Borg. Ghalhekk, sabiex jigi determinat jekk jissussistux l-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni addebitat lill-appellati, iridu jigu ezaminati bir-reqqa l-istqarrijiet li huma ghamlu lill-Pulizija. Skond l-Avukat Generali, meta jsir qari akkurat ta' l-istqarrijiet rispettivi ta' l-appellati separatament, relattivament u limitatament ghal kull appellat individwalment, tirrizulta l-ezistenza tar-reat *de quo*. Huwa jghid, b'referenza ghal xi gurisprudenza:

*"6. Element importanti f'dan ir-reat huwa ix-'scienter'. Il-gurisprudenza ghallmet illi l-kelma 'xjentement' ma tfissirx semplicement li l-agent ikun konxju li qed izomm fil-pussess tieghu xi oggett partikolari, izda tfisser li hu kien jaf, jew messu regonevolment fic-cirkostanzi kien jaf, li l-oggett seta' kien gej minn serq. Mhux rikjesti xi motiv ulterjuri jew xi intenzjoni specifika. Li wiehed ikollu suspett ta' xi irregolarita` jew addirittura taghrif dwar provenjenza ta' certu oggetti u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar l-element intenzjonali tar-reat ta' ricettazzjoni (**Il-Pulizija vs Tancred Borg** – Qorti ta' l-Appell Kriminali – 26/10/1998).*

*“7. Inoltre gie ribadit ukoll illi min jakkwista oggett f’cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, hu hati ta’ ricettazzjoni (**Il-Pulizija vs George Schembri** – Qorti ta’ l-Appell Kriminali – 30/04/1992).*

*“8. Gie mistqarr ukoll illi meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta li l-pussess ta’ dik il-persuna l-ohra kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-element tax-‘scienter’ rikjest ghall-integrazzjoni tar-reat ta’ ricettazzjoni (**Il-Pulizija vs John Dimech** – Qorti ta’ l-Appell Kriminali – 24/06/1961).”*

Fl-istqarrija tieghu Karl Pace qal illi l-mobile kien xtrah minn Bugibba. Qal li kien hemm filghaxija, iltaqa’ ma’ zewg studenti barranin li ghandhom xi ghoxrin jew wiehed u ghoxrin sena, u wiehed minnhom saqsieh fejn jista’ jsib il-bejgh ta’ dak il-mobile. Hu tah hames liri u hadu hu. Ghall-ewwel ried iktar izda mbaghad tahulu. Hadu ghax kellu l-bejgh tieghu u fil-fatt bieghu lil Daniel Borg ghal ghaxar liri ghax kien diga` saqsieh ghal wiehed. L-istudenti kienu x’aktarx Olandizi. Hu kien jaghmel hbieb ma’ hafna barranin ghax kein jiehu pjacir maghhom. Mistoqsi jekk saqsiex ghac-*charger*, wiegeb li saqsieh izda l-istudent barrani qallu li kellu bzonnu ghax kellu Nokia iehor izda li jekk ried kien igibulu. Pero`, skond l-appellat Pace, bla *charger* kien ibieghu xorta u ghalhekk ma kellux bzonnu. Id-dar kellu *chargers*. Qabel qatt ma kien biegh mobiles. Daniel Borg kien qallu li ried mobile ghal missieru u ma qallux li riedu minghajr *charger*. Huwa cahad li kien xtara l-mobile minghand xi Maltin. Cahad li kien xtrah minghand Elaine Rapinett. Mistoqsi ghaliex kien semma’ lilha, ghall-ewwel ma wegibx izda mbaghad, wara li gie mistoqsi ghaliex ma kienx semma’ l-istudenti u wiegeb li jibza’ jikxef lin-nies, mistoqsi jekk jidhirlux li qed jghid kontradizzjoni meta kien semma’ lil Elaine Rapinett, qal li semmieha *“ghar-ragunijiet tieghi. Inhoss li rragunajt b’mod zbaljat”*. Mistoqsi jekk lil Daniel Borg qallux li l-mobile kien imbaghbas, wiegeb: *“Ma saqsinix u ma kontx*

*naf x'inhu l-mobile"*. Qal li fiz-zmien relattiv kellu problema tad-droga.

Minn dak li qal l-appellat Karl Pace huwa evidenti illi l-prezz li bih akkwista l-mobile in kwistjoni kien wiehed irizorju u li jiddesta suspett dwar il-provenjenza tieghu. L-appellat xejn ma huwa konvincenti fl-ispjegazzjoni li ta ghaliex kien semma' l-ewwel lil Elaine Rapinett (li l-Ispettur Mercieca qal li hija persuna maghrufa sew mal-Pulizija) izda mbaghad biddel dik il-verzjoni u qal li kien akkwista l-imsemmi mobile minghand studenti Olandizi. Fi kwalunkwe kaz, il-prezz ferm baxx li bih akkwista l-mobile u c-cirkostanzi li fih akkwistah kien raguni sufficjenti biex igieghluh almenu jissuspetta li kellu provenjenza illecita izda l-appellat, ghax hekk kien jaqbillu, ma ghamel l-ebda sforz sabiex jikkontrolla l-provenjenza tieghu.

Fl-istqarrija tieghu Daniel Borg ikkonferma li xtara l-mobile in kwistjoni minghand Karl Pace ghall-prezz ta' ghaxar liri u li dan xtrah ghal missieru. Mistoqsi ghaliex ma kienx qal mill-ewwel li kien xtrah minghand Karl, wiegeb: *"Ghax indunajt li kien hemm xi haga hazina u ppruvajt indawwarha u ghidtilkom affarijiet foloz ghall-ewwel."* Cahad li meta xtrah kien jaf li gej mis-serq. Mistoqsi ghaliex allura pprova jostor lil Karl, wiegeb: *"Meta ghidtuli biex nigi jien indunajt."* Qal li kien imbezza' meta mar l-ghassa ghax dak il-hin issuspetta li kien hemm xi haga hazina, cioe` li l-mobile kien misruq. Skond l-appellat Borg, ghall-bidu kien ivvinta l-laqam "Fuxa" izda li ma jafx min hi dil-persuna. Qal hekk biex ma jikxifx lil siehbu. Qal ukoll li kien jaf li Karl kellu problema tad-droga dik il-habta u meta bieghlu l-mobile sabu *bargain* u xtrah *"u ma qghadtx nahseb dawn l-affarijiet …Jien just xtrajtu."* Fuq kumment ta' l-ufficjal investigattiv li ma kienx jinteressah minn fejn kien gej il-mobile, basta *bargain* u ffranka lira ghad-detriment ta' haddiehor, wiegeb *"Kulhadd hekk jaghmel."* Imbaghad kien hemm dawn il-mistoqsijiet u twegibiet:

*"M. Kont taf jew ma kontx taf li l-mobile ma kienx gej bis-sewwa?*

*T. Kont naf li mobile Karl gabu minn x'imkien, kont naf li jhawwad fid-droga u gie bieghuli.*
*M. Jigifieri, ara jekk hux qed nifhmek sew. Kont taf jew ahjar issuspettajt li kien misruq hekk jew le?*
*T. Iva.*
*M. U dan kont tafu mill-bidu hux hekk.*
*T. Issuspettajt mill-bidu."*

Jigifieri l-appellat Daniel Borg issuspetta li l-mobile kellu provenjenza illecita mhux biss meta baghtu ghalih il-Pulizija izda *"mill-bidu"*, jigifieri minn meta akkwistah minghand Karl Pace u, bhal fil-kaz ta' Karl Pace, ma ghamel xejn biex ixejjen dak is-suspett ghax, kif qal hu stess *"sibtu bargain"*.

Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza. Jigifieri x-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirrefereix ghad-dettalji specifici tar-reat principali, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz.

Kemm fil-kaz ta' Karl Pace kif ukoll fil-kaz ta' Daniel Borg mela, m'hemm l-ebda dubju li r-reat ta' ricettazzjoni jissussisti u konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Kwantu ghall-piena, peress illi jirrizulta li jidher li z-zewg appellati abbuzaw mid-droga (*ex admissis* minn Karl Pace u kif jirrizulta mill-fedina penali ta' Daniel Borg), u peress illi t-tnejn kienu involuti fl-akkwist kriminuz ta' mobbli (f'dan il-kaz u, fir-rigward ta' Karl Pace li diga` nstab hati f'zewg okkazjonijiet ohra kif jidher mill-fedina penali tieghu), huwa opportun illi f'dan l-istadju z-zewg appellati jkollhom l-assistenza u l-gwida li tista' tinghata minn ufficjal tal-*probation* sabiex jigi evitat li jergghu jiksru l-ligi u sabiex jigi assigurat li ma jkunx hemm problema ta' abbuz ta' droga. Wara li din il-Qorti (a tenur ta' l-artikolu 7(7) tal-Kap. 446) saqsiet lill-appellati jekk kinux lesti li jikkonformaw ruhhom mal-htigiet ta' ordni ta' *probation* u

huma esprimew ir-rieda taghhom li jaghmlu dan, ghalhekk din il-Qorti sejra taghti l-provvediment opportun.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u, wara li rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lill-appellati hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u tqieghed lill-imsemmijin Daniel Borg u Karl Pace taht *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' sentejn millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness. Din il-Qorti fissret lill-*probationers* a tenur ta' l-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bi kliem li huma jifhmu, l-effett ta' l-ordni u tal-kondizzjonijiet hemm inkluzi, kif ukoll li jekk jonqsu milli jikkonformaw ruhu ma' l-ordni jew jaghmlu reat iehor waqt il-perijodu ta' *probation* huma jistghu jinghataw sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------